MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 1800/2013/1

**Dimbros Limited**
**(C – 32506)**

**vs**
**Kunsill Lokali Qormi**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti infurmat lill-qorti li ghandha interess li jintharsu l-jeddijiet taghha;

2. Illi konsegwentement sintetikament infurmat lil-qorti *de quo* li tixtieq li zzomm lill-Kunsill intimat milli jipprocedi bl-oghti tal-kuntratt ghall-gbir ta' skart goff kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

3.0 Illi din it-talba qed issir mis-socjeta` rikorrenti ghaliex:

3.1 Saret taf li Kunsillier partikolari kien qed javvicina kompetituri taghha biex il-kuntratt in dizamina ma jinghatax lilha;

3.2 Illi in effetti l-kuntratt inghata lil socjeta` kompetitrici;

3.3 Illi s-socjeta` rikorrenti intavolat appell rigwardanti din l-ghazla tal-Kunsill intimat;

3.4 Illi l-procedura fl-appell allegatament waqfet lir-rapprezentant legali tas-socjeta` appellanti, hawn rikorrenti, milli tkompli tindaga fir-rigward;

3.5 Illi tali agir fl-istadju t'appell in dizamina hu ekwivalenti ghal *misconduct* u kunflitt t'interess;

3.6 Illi kemm –il darba ma jintlahaqx dan ir-rikors, il-jeddijiet tas-socjeta` rikorrenti jigu pregudikati b'mod irrimedjabbli;

4.0 Rat id-digriet precedenti taghha datat it-22 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu:

4.1. Laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti provizorjament;

4.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

5.0 Rat ir-risposta tal-Kunsill intimat datata d-9 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

5.1. Illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati u huma biss "hlejqa tar-rikorrenti";

5.2. Illi jirrizulta fil-mertu s-segwenti:

5.2.1. Illi l-offerta sottomessa mis-socjeta` rikorrenti wara s-sejha appozita fir-rigward "ma kienitx l-orhos offerta";

5.2.2. Illi ghalhekk, l-offerta tas-socjeta` rikorrenti qatt ma setghet tigi akkolta;

5.2.3. Illi l-Kunsill intimat mexa a bazi tar-regolamenti appoziti;

5.2.4. Illi s-socjeta` rikorrenti ma utilizzatx il-jedd taghha ta' applell skont ir-regolamet *de quo*;

5.2.5. Illi l-uniku raguni ghal din it-talba ghall-mandat t'inibizzjoni hu li l-kuntratt ghall-gbir ta' skart goff precedentement utilizzat bejn il-kontendenti, jibqa' jiggedded;

5.2.6. Illi fin-nuqqas, dan l-iskart goff ma jingabarx biex b'hekk tkun biss l-istess socjeta` rikorrenti li tibqa` taghti dan is-servizz lill-lokalita`;

5.2.7. Illi dan mhux fl-interess tal-gid komuni stante li l-lokalita` tinhtieg li f'kull mument tibqa' fi stat t'igene li jixraq lic-cittadin ghall-gid ta' sahhtu u tal-inkolumita` tieghu;

5.2.8. Illi ghalhekk il-procedura inizzjata mis-socjeta` rikorrenti m'hi xejn hlief wahda malizzjuza;

5.2.9. Illi l-istess Kunsill intimat jirreferi wkoll ghall-gurisprudenza fir-rigward, li a skans ta' dilungar inutili, din il-qorti qed tiddikjara li hadet ampja konoxxenza taghha;

5.2.10. Illi finalment l-istess Kunsill intimat jitlob li dan il-mandat ghandu jigi michud;

6. Semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

7. Illi din il-procedura qed issir *ai termini* tal-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

8.0. Illi dan l-artiklu sintetikament jistabbilixxi s-segwenti rekwiziti li jippermettu it-tutela tieghu:

8.1. Illi l-pregudizzju riskontrat ikun ta’ natura irrimedjabbli;

8.2. Illi l-livell ta’ prova tenuta necessarja biex jigi riskontrat l-istess pregudizzju hi bizzejjed jekk tirrizulta biss fil-livell ta’ *prima facie*;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-vertenza odjerna tirrigwarda decizjoni t’enti pubblika rigward il-konsenja ta’ appalt biex l-ahjar offerent jinghata dan il-privilegg;

10. Illi li jirrizulta fil-livell ta’ *prima facie* hu li inghata bidu ghal din is-sejha t’offerti, li bid-decizjoni fir-rigward is-socjeta` rikorrenti li qabel kienet tippresta s-servizz *de qu*o kienet estromessa meta giet accettata offerta ohra li irrizultat li kienet aktar favorevoli minn taghha;

11. Illi r-rimedju prospettat fir-regolamenti *de quo* hu dak t’appell fil-forum appozitu li skont ir-risposta fuq riferita tal-Kunsill intimat, “is-socjeta` rikorrenti ma pprevalietx ruhha minn dan ir-rimedju”, (ara fol 15);

12. Illi in efetti, kemm –il darba jintlaqa` l-mandat *de quo* u l-Kunsill konsegwentement ikun inibit milli jipprocedi bid-doveri tieghu skont il-ligi li jara li l-lokal li qed imexxi jkun ambjentalment nadif u tajjeb bizzejjed li jippermetti l-bneidem tal-lum jabita fl-indafa, ir-rizultat ikun pregudizzjali mhux biss lis-socjeta` li legittimament rebhet l-appalt in dizamina u lill-Kunsill li jigi paralizzat, izda anke lic-cittadin tal-lokal in dizamina li jsib ruhu inutilment u innocentement passiv f’din il-vertenza;

13. Illi *di piu`*, ma jirrizultax li d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti ser jigu b’daqshekk pregudikati irrimedjabbilment, stante li din is-socjeta` ghandha diversi toroq legali x’tintraprendi li lkoll ma joholqux pregudizzju lil terzi innocenti;

**DECIDE:**

14.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess hi sodisfatta li r-rekwiziti tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit ma intlahqux u konsegwentement:

14.1. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti *Dimbros Limited*;

14.2. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet provizorju precedenti taghha datat it-22 ta' Novembru, 2013;

14.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti fuq indikata.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------